

MT

MT

MT



IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussell, 19.9.2008
COM(2008) 570 finali

RAPPORT MILL-KUMMISSJONI LILL-KUNSILL

dwar is-settur tal-għalf innixxef

RAPPORT MILL-KUMMISSJONI LILL-KUNSILL

dwar is-settur tal-għalf innixxef

1. INTRODUZZJONI

Skont l-Artikolu 184(1) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 (li ħa l-kontroll tal-obbligu pprovdut fl-Artikolu 23 tar-Regolament (KKE) Nru 1786/2003 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq fl-għalf niexef), il-Kummissjoni għandha, qabel it-30 ta' Settembru 2008, fuq il-bażi ta' evalwazzjoni tal-organizzazzjoni komuni tas-suq għall-għalf innixxef, tippreżenta rapport lill-Kunsill dwar dan is-settur. Ir-rapport għandu jittratta b'mod partikolari l-iżvilupp ta' żoni tal-legumi u għalf ieħor aħdar, il-produzzjoni tal-għalf innixxef u l-iffrankar miksub fil-fjuwils fossili, u għandu jkun akkumpanjat, jekk meħtieġ, minn proposti xierqa.

Għal dan ir-rapport, il-Kummissjoni kkunsidrat rapport estern ta' evalwazzjoni dwar is-settur tal-għalf innixxef¹.

2. DESKRIZZJONI TAL-ISKEMA TA' GĦAJNUNA

2.1. Sfond

Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1067/74 stabbilixxa l-organizzazzjoni komuni tas-suq (OKS) għall-għalf innixxef mill-1 ta' April 1974, bil-għan li jżid il-provvista domestika ta' l-għalf għall-annimali rikki fil-proteini. Ġie introdott livell uniformi ta' għajnuna, bis-sena kummerċjali tibda fl-1 ta' April u tispiċċa fil-31 ta' Marzu kull sena. Biex jikkwalifika għall-għajnuna, l-għalf innixxef prodott kellu jissodisfa standards tal-kwalità fir-rigward tal-kontenut ta' indewwa u proteini.

Wara evalwazzjoni fl-1978, ġie adottat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1117/78. F'dan ir-Regolament, ġie stabbilit prezz gwida sabiex jiggarrantixxi lill-produtturi qligħ ġust. Billi l-għalf innixxef fix-xemx kien soġġett ukoll għal kompetizzjoni minn għalf tal-annimali minn pajjiżi terzi, kienet introdotta għajnuna għall-għalf innixxef fix-xemx iżda f'livelli aktar baxxi mill-għalf deidrat.

Matul it-tmeninijiet, il-produzzjoni żdiedet b'mod stabbli. Dan irriżulta f'żidiet fin-nefqa totali li ma setgħux jiġu kkontrollati, billi ma kien tpoġġa l-ebda limitu fuq il-kwantitajiet li għalihom kellha titħallas għajnuna. Għalhekk, fl-1995, biex jiġu limitati l-ispejjeż u jkunu influwenzati l-livelli tal-produzzjoni fl-UE, ġie adottat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 603/95. Kienet introdotta Kwantità Garantita Massima (MGQ) ta' 4 412 400 tunnellata għall-għalf deidrat u 443 500 tunnellata għall-għalf innixxef fix-xemx.

Bir-riforma tal-2003, kif stipulata fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1786/2003 saru iżjed aġġustamenti fl-iskema.

¹ "Etude d'évaluation des mesures communautaires dans le secteur des fourrages séchés", ANDI, COGEA, Univ. Lleida, DACS, Settembru 2007
http://ec.europa.eu/agriculture/eval/reports/fourrage/index_fr.htm

2.2. L-iskema ta' għajnuna preżenti

Mill-1 ta' April 2008, l-OKS attwali għall-għalf innixxef hija stipulata fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 li jstabilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS). Ir-Regolament (KE) Nru 1234/2007 ħa post ir-Regolament tal-Kunsill (KE) preċedenti Nru 1786/2003 li stabbilixxa OKS għall-għalf innixxef wara r-riforma tal-2003 u din ġiet implimentata mill-2005. Il-proċessuri huma mogħtija għajnuna ta' €33 kull tunnellata kemm għall-għalf deidrat kif ukoll għall-għalf innixxef fix-xemx. Biex tiġi kkontrollata n-nefqa, hija imposta MGQ ta' 4 960 723 tunnellata kull sena kummerċjali għall-għalf deidrat u/jew għall-għalf innixxef fix-xemx, maqsuma bejn l-Istati Membri. Jekk tinqabeż il-MGQ, l-għajnuna għall-Istat(i) Membru(i) kkonċernat(i) tiġi mnaqqa bħala funzjoni tal-eċċess.

Sabiex ikun eliġibbli, l-għalf innixxef irid jissodisfa kriterji tal-kwalità fir-rigward tal-kontenut tiegħu ta' indewwa u proteini.

Wara r-riforma tal-2003, il-baġit annwali għall-għajnuna għall-ipproċessar tal-għalf innixxef tnaqqas għal EUR 163 miljun [€33 x 4.96 miljun tunnellata (MGQ)], mil-livell tiegħu ta' qabel ir-riforma ta' EUR 300 miljun. In-nefqa proprja ammontat għal EUR 152 miljun fis-sena kummerċjali 2005/2006 u EUR 143 miljun fis-sena kummerċjali 2006/2007. Dan l-użu anqas tal-baġit jista' jiġi attribwit għat-tnaqqis tal-għajnuna għal €33/t, li wassal għall-produzzjoni ta' kwantità iżjed baxxa.

Mill-2005, EUR 133 miljun mill-baġit tal-għajnuna għall-ipproċessar tal-għalf innixxef ġew separati u integrati fl-Iskema tal-Pagament Wieħed, bi drittijiet mogħtija lil min ikabbar, proporzjonati mal-forniment tagħhom ta' għalf lill-proċessuri tul il-perjodu ta' referenza 2000-2002.

B'valur kummerċjali medju ta' €110 għal kull tunnellata, il-produzzjoni ta' 4.5 miljun tunnellata tal-UE għandha valur kummerċjali totali ta' €495. Il-livell ta' għajnuna (EUR 143 miljun fl-2006/2007) jirrappreżenta madwar 30% tal-valur tal-produzzjoni kummerċjalizzata (EUR 495 miljun).

Jekk wieħed iħares lejn l-analiżi statistika tan-nefqa għal kull Stat Membru, l-għajnuna tintuża prinċipalmnet fi Spanja, Franza u l-Italja. Dawn it-tliet Stati Membri assorbew 86% tal-baġit 2006/2007. Il-Ġermanja, l-Olanda, id-Danimarka u r-Renju Unit bejniethom ħadu 10.5% tal-baġit. Fl-Istati Membri ġodda, is-settur tal-għalf innixxef huwa żgħir: fl-2006, l-UE-10 ħadet biss 1.6% tal-baġit.

Il-kumplessità tal-iskema ta' għajnuna għall-għalf innixxef toħloq piż amministrattiv konsiderevoli għas-setturi pubbliċi u privati fl-Istati Membri. L-istimi tal-ispejjeż finanzjarji għall-amministrazzjoni jvarjaw minn Stat Membru għall-ieħor, minn €0.63/tunnellata fi Franza għal €4.42/tunnellata fl-Italja.

2.3. Evoluzzjoni tar-reqwiziti dwar l-eliġibilità

Mill-1974 sal-1999, ir-regoli implimentattivi suċċessivi tal-Kummissjoni ffixaw it-temperatura fil-punt tad-dħul tad-drajer għal 93°C.

Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 676/1999, li emenda r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 785/95 li jstabilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 603/95 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq ta' l-għalf

innixxef, daħħal temperatura minima ta' 350° C fil-punt tad-dħul tad-drajers, sabiex jiggarrantixxi l-karattru industrijali tal-prodotti. Dan ir-rekwiżit ta' temperatura għolja rrappreżenta ostakolu tekniku effettiv (u ostakolu għal proċessuri ġodda). Naqqas ukoll l-iżvilupp ta' *pre-hay techniques* u l-użu tal-bijomassa biex jitħaddmu d-drajers.

Wara r-riforma tal-2003, ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 382/2005 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1786/2003 naqqas it-temperatura medja tad-drajers għal 250° C biex jinkoraġġixxi metodi li jużaw inqas enerġija u jżid l-użu ta' għalf aħdar inqas imxarrab. It-temperatura iżjed baxxa wasslet għal żieda fl-użu ta' *pre-hay techniques* u ppermettiet l-użu tal-bijomassa, li l-enerġija kalorifika tagħha ma setgħetx tilħaq 350°.

Riċentement, bil-għan li jitwessa' l-iskop għal applikazzjonijiet kummerċjali ġodda u jiġi faċilitat l-iżvilupp ta' metodi ta' manifattura iżjed effiċjenti u tajbin għall-ambjent, ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 382/2005, kif emendat mir-Regolament (KE) Nru 1388/2007, neħħa r-rekwiżiti tekniċi għan-nixxiefa fir-rigward tad-deidrazzjoni tal-għalf frisk (temperatura taż-żona fil-punt tad-dħul, iż-żmien ta' residenza u l-fond tas-sodda ta' kull saff).

3. L-ISTRUTTURA TAS-SETTUR TAL-GĦALF IMNIXXEF

3.1. Wiċċ

Fl-UE, l-għalf aħdar jirrappreżenta madwar nofs il-kwantità tal-għalf kollu tal-annimali li jiġi kkunsmat. Dan jiġi jew imkabbar direttament jew jinkiseb billi tinqata' u tiġi kkonservata mergħa permanenti jew temporanja u wċuħ annwali jew multi-annwali (xnien, silla, qamħirrun għall-ħżin f'sajlo, eċċ.).

Fit-tmien pajjiżi produttori prinċipali (Spanja, Franza, l-Italja, l-Olanda, id-Danimarka, ir-Repubblika Ċeka, ir-Renju Unit u l-Ġermanja), li huma responsabbli għal 96% tal-Kwantità Massima Garantita, iż-żona taħt kuntratt għall-għalf innixxef fis-sena kummerċjali 2005/2006 kienet ta' 430 400 ettaru, jew 1% biss taż-żona totali bl-għalf aħdar tal-UE. Minn dawn, 80% jew 344 400 ettaru huma miżrugħa bix-xnien (b'mod speċifiku fi Franza, Spanja u l-Italja), u 86 000 ettaru huma art bil-ħaxix (l-aktar fil-Ġermanja, id-Danimarka u l-Olanda). Dan jirrappreżenta 24% taż-żona totali bix-xnien tal-UE u 0.24% taż-żona totali ta' art bil-ħaxix, rispettivament.

Għalkemm m'hemmx data affidabbli disponibbli dwar iż-żona taħt kuntratt għall-produzzjoni tal-għalf innixxef għall-aħħar snin, huwa stmat li din iż-żona naqset għal madwar 415 000 ettaru fl-2007/08 (tnaqqis ta' 3,5% meta mqabbel mal-2005/06). B'kuntrast, iż-żona totali ta' xnien (għalf tal-legumi) fl-UE baqgħet kostanti, filwaqt li iż-żona totali ta' art bil-ħaxix fl-2006/07 żdiedet bi 2%, meta mqabbel mal-2005/06.

3.2. Produzzjoni

L-akbar tliet produttori (Franza, Spanja u l-Italja) huma responsabbli għal 85% tal-produzzjoni tal-UE-27 sostnuta mill-OKS. Żewġ terzi tal-produzzjoni tal-UE hija kkonċentrata fi tliet żoni partikolari ta' dawn l-Istati Membri: Champagne-Ardenne (80% tal-produzzjoni Franċiża), Aragon u Catalonia (75% tal-produzzjoni Spanjola), u Emilia Romagna u Venezia (75% tal-produzzjoni Taljana). Għal dawn it-tliet pajjiżi produttori ewlenin, iż-żona taħt kuntratt għall-għalf innixxef fis-sena kummerċjali 2005/2006 kienet primarjament miżrugħa bix-xnien (98% fi Franza, 97% fi Spanja u 75% fl-Italja). Mill-banda

l-oħra, fil-pajjiżi tat-tramuntana, iż-żona taħt kuntratt għall-għalf innixxef kienet prinċipalment magħmula minn art bil-ħaxix (93% fil-Ġermanja, 80% fid-Danimarka u 64% fl-Olanda). Fuq livell tal-UE, 80% taż-żona taħt kuntratt għall-għalf innixxef hija miżrugħa bix-xnien.

Fit-tmien pajjiżi produttori ewlenin², madwar 60 000 bidwi jkabbru għalf aħdar taħt il-kuntratt tal-għajnuna għall-ipproċessar. Hemm ukoll 300 impjant għall-ipproċessar, li terz minnhom qegħdin fi Spanja.

L-impjiegi dirett fis-settur tal-ipproċessar fl-UE-27 huwa stmat għal 3 000 FTE (ekwivalenti ta' impjiegi *full-time*) u l-impjiegi indirett għal 1 500 FTE.

3.3. Il-post tal-għalf innixxef fl-industrija tal-għalf

L-4 439 000 tunnellata ta' għalf innixxef eliġibbli għall-għajnuna mill-UE fis-sena kummerċjali 2007/2008 hija ekwivalenti għal madwar 700 000 tunnellata ta' proteina mhux maħduma u tirrappreżenta madwar 1% tal-proteina totali mhux maħduma kkunsmata mill-bhejjem tal-UE.

Madwar 30% tal-għalf innixxef jintuża mill-industrija tal-għalf imħallat u s-70% l-ieħor jiġi kkunsmat direttament mill-annimali. Huwa stmat li nofs il-konsum dirett huwa fil-forma ta' pritkuni (pellets), in-nofs l-ieħor bħala balal twal.

Madwar 20% tad-domanda għall-għalf innixxef tirriżulta mill-kwalità speċifika tiegħu (eż. għas-setturi tal-ħalib u tal-fniek), filwaqt li t-80% l-oħra sservi bħala sors ta' proteina u fibra u tista' tiġi sostitwita minn sorsi oħra ta' proteina u fibra. Għaldaqstant, l-għalf innixxef irid jiġi offrut bi prezz kompetittiv meta mqabbel ma' sorsi oħra ta' proteina, bħalma huma l-fażola tas-sojja, iż-żerriegħa tal-ġirasol u d-dqiq taż-żerriegħa tal-kolza.

3.4. It-teknoloġija tat-tnixxif (deidrazzjoni / għalf innixxef fix-xemx)

Żewġ tipi ta' proċedura għat-tnixxif tal-għalf aħdar jibbenefikaw minn għajnuna taħt l-organizzazzjoni komuni tas-suq (OKS): id-deidrazzjoni u t-tnixxif fix-xemx.

3.4.1. Għalf deidrat

Id-deidrazzjoni, li hija proċess ta' tnixxif b'temperatura għolja, hija l-metodu industrijali dominanti użat mill-impriżi meġġuna mill-OKS. It-teknika tikkonsisti fit-twaddib ta' arja b'temperatura ta' 250–900°C ġewwa nixxiefa li minnha jgħaddi l-għalf aħdar. Iż-żona sħuna tassigura tnixxif malajr ħafna, li jagħmilha possibbli li jiġu ppreservati l-proteini, il-valur tal-enerġija u l-lewn tal-għalf.

Ir-rata ta' umdità inizjali tal-pjanti tista' tvarja b'mod konsiderevoli, jiddependi mit-tekniki ta' qabel it-trattament wara l-ħsad u skont ir-reġjun: tista' tkun iżjed baxxa minn 40%, jekk l-għalf jibqa' fl-art għal ftit sigħat wara l-qtuġħ (Spanja, Italja), u tista' tilħaq iżjed minn 75% fir-reġjuni tat-tramuntana fejn dan it-tnixxif minn qabel m'huwiex possibbli minħabba l-kundizzjonijiet tat-temp (id-Danimarka, l-Iżvezja).

² Spanja, Franza, l-Italja, il-Ġermanja, l-Olanda, id-Danimarka, ir-Renju Unit u r-Repubblika Ċeka.

Qabel ir-riforma tal-2003, l-għalf deidrat eliġibbli kien limitat għal Kwantità Massima Garantita ta' 4 517 223 tonnelli għal kull sena kummerċjali.

Ix-xejriet fil-produzzjoni fuq livell nazzjonali huma diverġenti ħafna: Spanja u l-Italja raw żieda qawwija fl-għalf deidrat filwaqt li Stati Membri oħra bħal Franza, l-Olanda u l-Ġermanja raw tnaqqis.

3.4.2. *Għalf imnixxef fix-xemx*

Tradizzjonalment l-għalf tnixxef bix-xemx fl-għalqa. Il-ħuxlief prodott b'dan il-mod imbagħad jiġu kundizzjonat u jinħażen. Sabiex ikun eliġibbli għall-għajjnuna, l-għalf imnixxef fix-xemx irid jintaħan f'impjant għall-ipproċessar. Din it-teknika ma kinitx alternattiva għad-deidrazzjoni minħabba allegat telf tal-kwalità fil-prodott lest: rata iżjed baxxa ta' proteina (telf ta' weraq fl-għalqa), kontenut iżjed baxx ta' vitamini u minerali u kwalità sanitarja iżjed fqira minħabba temperatura iżjed baxxa tat-tnixxif.

Qabel ir-riforma tal-2003, l-għalf imnixxef fix-xemx eliġibbli kien limitat għal Kwantità Massima Garantita (MGQ) ta' 443 500 tonnelli għal kull sena kummerċjali. Ħames Stati Membri biss ibbenefikaw mill-Kwantità Nazzjonali Garantita (GNQ) għall-għalf imnixxef fix-xemx. L-Italja u Spanja huma l-uniċi Stati Membri li għad għandhom livell sinifikanti ta' produzzjoni. L-Istati Membri l-oħra għandhom livell baxx ta' produzzjoni (Franza u l-Portugall) jew waqqfu l-produzzjoni għal kollox (Il-Greċja).

4. L-IMPATT TAL-GĦAJNUNA GĦALL-IPPROĊESSAR

4.1. L-impatt fuq il-produzzjoni

L-evoluzzjoni tal-produzzjoni tal-għalf imnixxef fl-UE-15 turi żieda progressiva ta' 2% fis-sena tul il-perjodu 1995-2005. B'riżultat tar-riforma tal-2003, li ġiet implimentata fl-2005, il-produzzjoni eliġibbli ta' għalf deidrat fl-UE naqset b'madwar 17% fis-sena kummerċjali 2005/2006 u b'xi 23% fis-sena kummerċjali 2006/2007, meta mqabbel mas-sena kummerċjali 2004/2005 (ara l-Anness).

Fl-2006/2007 u fl-2007/2008, il-produzzjoni tal-għalf imnixxef stabbilizzat ruħha f'madwar 4.45 miljun tonnelli, li 3.9 miljun tonnelli minnhom hija deidrata u 0.55 miljun tonnelli mnixxfa fix-xemx.

Ir-riforma tal-2003 ma rriżultatx f'qalba sinifikanti minn produzzjoni deidrata għal produzzjoni mnixxfa fix-xemx.

4.2. L-impatt fuq il-bdiewa

Ġie identifikat titjib fid-dħul b'riżultat tar-riforma tal-2003, minħabba li parti mill-għajjnuna preċedenti għall-ipproċessar ġiet trasformata fi ħlas separat lill-bdiewa. Iżda fir-rigward tal-profittabilità, il-marġini gross tal-għalf aħdar naqas, minħabba tnaqqis fil-prezz tal-bejgħ tal-produtturi fis-sena kummerċjali 2005/2006 meta mqabbel mas-sena kummerċjali 2004/2005.

Madankollu, diffiċli ħafna jiġu stabbiliti figuri medji li jirriflettu b'mod preċiż il-profittabilità tal-għalf aħdar, minħabba l-varjetà tas-sistemi li jintużaw għall-produzzjoni u t-tqegħid fis-suq.

Dwar il-ġestjoni tal-irziezet, l-evalwazzjoni turi wkoll li l-bdiewa qegħdin dejjem aktar jagħtu x-xogħol taż-żriġ u l-ħsad u attivitajiet oħra tal-produzzjoni lill-industrija tal-ipproċessar. Ta' min jinnota li l-evalwazzjoni ta' *AND International* turi li l-uċuħ tar-raba' li jiġu wara x-xnien fir-rotazzjonijiet jibbenefikaw mill-karatteristiċi agronomiċi tiegħu, li jwassal biex dawn il-prodotti jiksbu profitti akbar.

4.3. L-impatt fuq il-proċessuri

Il-forniment tal-materja prima lill-industrija jiddependi fuq li l-proċessuri jkunu kapaċi joffru lill-produtturi prezz għall-prodott mhux maħdum li jagħti marġinu ta' profitt kompetittiv meta mqabbel ma' uċuħ oħra (ċereali u żerriegħa taż-żejt). Minħabba l-livelli tal-prezzijiet tas-suq tal-prodott finali, kif ukoll l-ispejjeż tal-ipproċessar, il-prezzijiet kompetittivi għall-materja prima (xnien, ħaxix) jiddependu ħafna fuq l-għajjnuna Komunitarja.

Il-pożizzjoni kompetittiva tal-għalf imnixxef meta mqabbel ma' tipi oħra ta' sorsi ta' proteina tiddependi prinċipalment fuq l-ispejjeż tal-enerġija. Konsegwentement, is-sitwazzjoni tvarja b'mod konsiderevoli bejn ir-reġjuni tat-tramuntana tal-UE, fejn il-proċessuri jiffaċċjaw spejjeż għoljin għat-tnixxif, u r-reġjuni tan-nofsinar, fejn ix-xnien jista' jitnixxef minn qabel fix-xemx sabiex jitnaqqsu l-ispejjeż tat-tnixxif.

Minħabba l-importanza tal-għajjnuna fid-dħul totali tal-industrija, ħafna proċessuri, l-aktar fir-reġjuni tat-tramuntana, ikollhom jagħlqu u l-impjiegi relatati jintilfu kieku l-iskema kellha tiġi abolita.

4.4. L-impatt fuq l-ambjent

4.4.1. Il-ħamrija u l-ilma

Ix-xnien huwa partikolarment apprezzat fir-rotazzjonijiet biex tiġi evitata l-monokultura taċ-ċereali u huwa kkunsidrat iżjed pożittiv għall-ambjent minn uċuħ alternattivi (l-aktar il-qamħirrun, u f'miżura anqas il-qamħ), minħabba l-benefiċċji tiegħu għall-ħamrija, l-ilma, il-bijodiversità u l-pajsaġġ.

Ix-xnien itejjeb l-istruttura tal-ħamrija, jiżviluppa sistema ta' għeruq fondi, jiksi l-art għal bosta snin, joħnoq il-ħaxix ħażin, jillimita l-*eluvations* u jnaqqas l-użu tal-pestiċidi. Il-kapaċità tal-uċuħ tal-legumi li jirranġaw in-nitroġenu miż-żona jirriżulta f'użu aktar baxx ta' fertilizzant tan-nitroġenu. It-telf ta' ħamrija mill-erużjoni huwa ferm aktar baxx għall-qamħirrun.

L-għalf aħdar jaqbad l-ilma b'mod iżjed effiċjenti minn uċuħ alternattivi; hemm inqas tnixxija mix-xita u l-ħamrija żżomm l-ilma aħjar. Minħabba inputs baxxi u kisja permanenti, ix-xnien għandu effett pożittiv fuq il-kwalità tal-ilma. F'każ ta' tisqija, ix-xnien jeħtieġ 17% iktar ilma fis-sena mill-qamħirrun, iżda din il-ħtieġa titqassam fuq is-sena b'mod iżjed ugwali, li jevita livelli għoljin ħafna fis-sajf.

It-taħwil multi-annwali, it-tnaqqis tal-monokultura u d-diversifikazzjoni tal-abitati huma kollha kkunsidrati bħala pożittivi għall-bijodiversità u l-pajsaġġ.

4.4.2. Konsum tal-fjuwil fossili

L-ammont ta' fjuwil fossili li jintuża għat-tnixxif tal-għalf huwa konsiderevoli. L-OKS tippermetti konsum għoli tal-enerġija mill-industrija, l-aktar mill-ħruq ta' fjuwils fossili, li jirriżulta f'emissjonijiet qawwija ta' gassijiet tas-serra.

Għas-sena kummerċjali 2004/2005, li kienet l-aħħar sena kummerċjali qabel l-applikazzjoni tar-riforma tal-2003, il-konsum tal-enerġija mill-produtturi fit-tmien pajjiżi produtturi ewlenin irrappreżenta madwar 526 000 tep (tunnellati ekwivalenti ta' petroleum) – 90% minn fjuwils fossili.

Mis-sena kummerċjali 2005/2006, kien hemm tnaqqis fil-produzzjoni tal-għalf deidrat u, għalhekk, tnaqqis fil-konsum tal-fjuwil. Mis-sena kummerċjali 2004/2005 sas-sena kummerċjali 2006/2007, dan it-tnaqqis huwa stmat għal iżjed minn 127 000 tep, li l-fjuwils fossili jammontaw għal 114 500 tep minnhom.

Konsum tal-enerġija (8 pajjiżi ewlenin)						
Stat Membru	2004/2005 ⁽¹⁾		2005/2006 ⁽¹⁾		2006/2007 ⁽²⁾	
	Għalf innixxef (miljun t)	tep	Għalf innixxef (miljun t)	tep	Għalf innixxef (miljun t)	tep
Il-Ġermanja	0,327	84 086	0,272	68 648	0,239	54 186
Id-Danimarka	0,143	31 324	0,097	21 248	0,077	11 928
Spanja	2,166	90 766	1,793	62 755	1,793	60 440
Franza	1,175	195 833	1,163	193 833	1,004	205 669
L-Italja	0,779	64 175	0,500	41 310	0,418	21 985
L-Olanda	0,194	45 267	0,182	42 467	0,138	33 591
Ir-Renju Unit	0,047	9 182	0,048	9 383	0,041	7 655
Ir-Repubblika Ċeka	0,033	5 186	0,021	5 250	0,027	3 139
Total	4,864	525 819	4,076	444 894	3,737	398 593
tep/t għalf innixxef		0,1081		0,1091		0,1067

Sors: ⁽¹⁾ AND International, ⁽²⁾ DG AGRI.

Il-proporzjon "tep/t għalf innixxef" jidher li baqa' kostanti tul il-perjodu mill-2004/2005 sal-2006/2007. Dan jimplika li għal kull tunnellata ta' għalf innixxef ma sar ebda ffrankar sinifikanti tal-enerġija b'riżultat tat-titjib fit-teknoloġija. Anki t-tnaqqis fit-temperatura minima tat-tnixxif jidher li ma kellu ebda effett fuq il-konsum tal-enerġija għal kull tunnellata ta' għalf innixxef. It-tnaqqis fil-konsum totali ta' fjuwil huwa marbut direttament mat-tnaqqis fil-produzzjoni tal-għalf deidrat. Spanja u l-Italja juru l-aħjar proporzjon, iżda huma jgawdu minn kundizzjonijiet tat-temp. L-Olanda, il-Ġermanja u Franza jużaw iżjed fjuwil għal kull tunnellata ta' għalf innixxef minħabba kundizzjonijiet tat-temp inqas favorevoli. Fl-aħħar nett, ir-Renju Unit u d-Danimarka jidhru li jużaw teknoloġija aktar sostenibbli biex jipproduċu l-għalf innixxef.

4.4.3. Emissjonijiet ta' Gassijiet tas-Serra (GHG)

L-użu tal-enerġija mill-industrija tat-tnixxif għandu effetti sinifikanti fir-rigward tal-konsum ta' riżorsi tal-fjuwil fossili u l-emissjonijiet tal-GHG. Minbarra l-impatt ambjentali tal-użu ta' riżorsi li ma jiġġeddux, diversi gassijiet pollutanti u trab jiġu rilaxxati mill-kombustjoni ta'

dawn il-fjuwils. Fis-sena kummerċjali 2004/2005, il-kwantità globali ta' GHG rilaxxati b'riżultat tal-kombustjoni tal-fjuwils fossili mill-impriżi tad-deidrazzjoni fl-UE ammontat għal 1 622 000 tunnellata ekwivalenti ta' CO₂.

It-tnaqqis fil-produzzjoni tal-għalf innixxef wara r-riforma fil-OKS tal-2003 wassal għall-iffrankar ta' iżjed minn 80 000 tunnellata ta' fjuwil. Fis-sena kummerċjali 2005/2006 dan kien ugwali għal tnaqqis ta' madwar 250 000 te CO₂ fl-emissjonijiet ta' GHG, bejn wieħed u ieħor tnaqqis ta' 15% fuq l-emissjonijiet totali fis-sena kummerċjali preċedenti.

4.5. L-impatt fuq is-suq tal-għalf tal-annimali

L-għajnuna għall-għalf innixxef kellha impatt limitat fuq il-produzzjoni min-naħa tal-UE ta' proteina għall-għalf tal-annimali. Fis-sena kummerċjali 2005/2006, hija rrappreżentat madwar 1% tal-proteina totali mhux maħduma kkunsmata mill-bhejjem tal-UE. Wieħed jista' jfakkar li t-nixxif tal-għalf huwa sempliċement mezz biex jiġi ppreservat il-kontenut ta' proteina.

Billi 25% biss tal-produzzjoni tax-xnien hija b'kuntratt għall-produzzjoni tal-għalf innixxef, it-tneħħija tal-iskema ma tirriżultax fl-għajbien totali tal-prodott.

Id-dqiq tas-sojja jibqa' s-sors primarju ta' proteina għas-suq tal-għalf tal-annimali tal-UE, li jirrappreżenta iżjed minn 60% ta' proteina veġetali. Id-dqiq tas-sojja għandu kontenut ogħla ta' proteina (bejn 40% u 45%) mill-alternattivi. Għad-dqiq tas-sojja, l-UE tiddependi primarjament fuq l-importazzjoni: fil-fatt, il-produzzjoni domestika tas-sojja tirrappreżenta biss 2% tal-konsum tal-UE.

It-tieni sors ta' proteina huwa d-dqiq taż-żerriegħa tal-kolza, li għandu kontenut ta' proteina daqsxejn aktar baxx (bejn 30% u 35%) u li huwa prodott essenzjalment fl-Ewropa.

Billi 80% tad-domanda għall-għalf innixxef tista' tiġi sostitwita minn sorsi oħra ta' proteina, l-aktar importati, l-iskema ta' għajnuna tal-UE m'hijiex ikkunsidrata bħala effiċjenti.

5. RIMARKI FINALI

	Vantaġġi tal-iskema preżenti	Żvantaġġi tal-iskema preżenti
Il-produttur	Prezzijiet kompetittivi għall-materja prima	Il-prezz tal-materja prima jiddependi fuq l-għajnuna mill-Komunità
L-industrija	Żamma tal-impjiegi (madwar 4 500 impjieg) Għajnuna = 22% tad-dħul totali	Il-vijabilità tal-biċċa l-kbira tal-industrija hija dipendenti fuq l-għajnuna mill-UE
Il-konsumatur (sid il-bhejjem)	Prezzijiet kompetittivi għall-għalf innixxef	80% tad-domanda għall-għalf innixxef tista' tiġi sostitwita minn sorsi oħra ta' proteina
L-ambjent	Fuq il-livell tar-razzett: effetti pożittivi fuq – il-ħamrija – il-kwalità tal-ilma – il-bijodiversità.	Fuq livell globali: effetti negattivi fuq – il-bilanċ nett tal-fjuwil fossil (526 000 tep/sena fl-2004/2005) – il-bilanċ nett fl-emissjonijiet ta' GHG (1 622 000 te CO ₂ fl-2004/2005).

Fis-suq tal-ġhalf, l-ġhalf innixxef diġà huwa ta' importanza limitata bħala sors ta' proteina veġetali. L-iżviluppi fis-suq tal-ġhalf, bl-effiċjenza dejjem akbar fl-ġhalf, it-tkabbir iżjed bil-mod fil-produzzjoni tal-laħam u d-disponibilità ta' prodotti sekondarji rħas rikki fil-proteina mill-produzzjoni tal-bijofjuwil ikomplu jikkontribwixxu għat-twarrib tal-ġhalf innixxef.

Il-profittabilità tas-settur tiddependi ħafna fuq l-ġajnuna. Il-valur miżjud tas-settur tal-ġhalf innixxef jirrappreżenta 22% tad-dħul totali, li bejn wieħed u ieħor jiġi daqs il-baġit għall-ġajnuna tal-UE.

Riġward it-tħassib ambjentali, il-konsum ta' fjuwil fossili biex jiġi prodott l-ġhalf innixxef huwa konsiderevoli u jirriżulta f'emissjonijiet konsiderevoli ta' gassijiet tas-serra.

Fl-20 ta' Mejju 2008, il-Kummissjoni adottat proposti leġiżlattivi dwar il-Kontroll tas-Saħħa tal-CAP [COM(2008) 306 finali], li jipprevedu fost affarijiet oħrajn is-separazzjoni sħiħa tal-ġajnuna għas-settur tal-ġhalf innixxef mill-1 ta' April 2011 [Artikolu 8(c) tal-proposta għal Regolament tal-Kunsill dwar modifiki għall-politika agrikola komuni bl-emenda tar-Regolamenti (KE) Nru 320/2006, (KE) Nru 1234/2007, (KE) Nru 3/2008 u (KE) Nru [...] /2008]. Kif dikjarat fil-premessa (15) tiegħu "*l-ġajnuna għandha tiġi separata għalkemm għandu jiġi pprovdut perjodu transitorju qasir ta' sentejn biex jippermetti lis-settur jaġġusta ruħu*".

Għalhekk, m'hemmx bżonn li dan ir-rapport ikun akkumpanjat minn xi proposti separati.

ANNEX

EVOLUZZJONI TAL-PRODUZZJONI ELIĠIBBLI TA' GĦALF IMNIXXEF (tunnellati)

Deidrat	GNQ	1995/96	1996/97	1997/98	1998/99	1999/00	2000/01	2001/02	2002/03	2003/04	2004/05	2005/06	2006/07
BLEU	8 000	4 043	4 329	4252	2786	1 941	1 740	1 088	1 596	2 743	3 551	0	0
Id-Danimarka	334 000	270 695	206 784	224 637	266 204	186 339	168 062	147 136	147 337	124 316	142 690	91 580	76 862
Il-Ġermanja	421 000	342 663	300 088	307 729	320 637	333 899	356 535	334 324	348 011	250 821	327 449	274 287	239 365
Il-Greċja	32 000	46 288	30 026	38 345	46 195	51 550	43 637	51 160	57 833	48 823	49 611	49 475	34 668
Spanja	1 224 000	1 261 548	1 413 616	1 571 256	1 667 746	1 769 309	1 954 585	1 812 214	1 882 314	2 058 269	2 165 614	1 793 801	1 792 986
Franza	1 455 000	1 307 201	1 090 997	1 263 874	1 346 364	1 303 912	1 224 880	1 166 802	1 093 974	1 193 269	1 175 125	1 156 929	1 003 591
L-Irlanda	5 000	4 677	5 859	6 288	5 458	4 941	4 737	4 908	4 338	4 953	4 546	3 974	4 002
L-Italja	523 000	526 344	498 540	561 078	637 826	674 152	676 847	658 562	715 757	661 845	778 513	474 112	418 327
L-Olanda	285 000	220 783	176 387	209 514	223 312	193 883	214 347	181 067	203 311	169 889	194 215	177 697	137 576
L-Awstrija	4 400	2 221	1 959	2 132	1 847	1 978	2 057	1 997	2 688	1 292	1 794	2 087	1 783
Il-Portugall	5 000	800	1 936	3 555	2 507	935	2 209	3 691	104	43	263	0	0
Il-Finlandja	3 000	1 785	1 325	1 056	1 209	495	572	518	635	964	527	463	124
L-Iżvezja	11 000	9 493	7 146	5 286	6 615	6 476	6 004	7 506	8 659	8 075	6 196	4 440	6 443
Ir-Renju Unit	102 000	71 810	78 902	83 572	81 378	69 527	63 309	50 035	48 377	45 262	47 232	48 936	40 616
TOTAL UE-15	4 412 400	4 070 351	3 817 894	4 282 574	4 610 084	4 599 337	4 719 521	4 421 008	4 514 934	4 570 564	4 897 326	4 077 782	3 756 342
Ir-Repubblika Ċeka	27 942										27	32 522	27 264
Il-Litwanja	650										1	509	856
L-Ungerija	49 593										57	49 724	36 405
Il-Polonja	13 538										5	4 715	4 168
Is-Slovakja	13 100										3	3 026	2 512
TOTAL UE-12	104 823										92	90 495	71 204
TOTAL UE-27	4 517 223										4 897 418	4 168 277	3 827 547

Imnixxef fix-xemx	GNQ	1995/96	1996/97	1997/98	1998/99	1999/00	2000/01	2001/02	2002/03	2003/04	2004/05	2005/06	2006/07
Il-Greċja	5 500	2 550	1 630	114	0	0	0	0	0	0	0	0	205
Spanja	101 000	40 716	36 628	52 582	92 814	84 726	108 250	226 792	104 955	117 837	95 197	119 465	119 256
Franza	150 000	165 830	86 048	14 478	3 725	2 513	2 742	4 368	2 585	2 212	2 675	3 157	3 087
L-Italja	162 000	190 146	124 520	86 724	53 462	72 920	90 018	74 187	107 352	91 733	66 787	325 130	395 741
Il-Portugall	25 000	3 144	3 996	2 526	1 365	1 622	1 555	565	934	1 784	1 742	2 441	1 717
TOTAL UE-27	443 500	402 386	252 823	156 424	151 366	161 781	202 565	305 912	215 826	213 566	166 401	450 193	520 006